MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Numru. 443/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Pierre Grech**
**vs**
**Noel Fenech**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Noel Fenech iben Andrew u Vincenza nee' Formosa mwieled Pieta fl-20 ta' Dicembru 1982 u residenti 7 Andsin, Triq il-Faqqus Zabbar, ID 17383M.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-23 u l-24 ta' Marzu 2006 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet**

**tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal din l-imputazzjoni u ghal daqstant din giet ppruvata skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101, it-Taqsima 4 u 6 u kif wkoll ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrieh izda flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien 7 xhur millum. IL-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici. IL-Qorti wkoll tapprezza li l-imputat qed jaghmel programm mal-Caritas u qieghed fit-tmien xahar tal-programm u mir-rapport li kellha verbalment fl-awla jidher li sejjer tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------